# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 89**

**Il-Ħamis 26 ta' Jannar, 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv St Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*
Norman Clews - Membru
Joseph Agius – Membru
Nicholas Azzopardi - Membru

**Skużati jew ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mario Bartolo - *Chairperson*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Duncan Busuttil – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-Viċi-*Chairperson*, is-Sur Luciano Farrugia, ippresieda l-laqgħa.

**89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

89.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Mario Bartolo. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**89.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

89.2.1 Il-minuti tat-88 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

**89.3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

89.3.1 F'isem iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat illi s-Sur Nicholas Azzopardi kien naqas milli jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat li saru bejn is-7 ta' Lulju u t-28 ta' Diċembru 2016 u għaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv irid jiddeċiedi jekk l-assenza tiegħu kinitx dovuta għal raġuni ġustifikata. Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Agius, il-Kumitat qabel unanimament illi l-assenza tas-Sur Azzopardi kienet skużabbli u li għandha ssir rakkomandazzjoni biex il-post tiegħu ma jiġix iddikjarat vakanti.

89.3.2 Inqaw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika 2016 tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

**89.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri**

89.4.1 Dwar il-*bus shelter* propost li jsir fi Triq l-Għakrux faċċata ta' Triq il-Berebis, is-Sur Clews qal li jekk ikun hemm bżonn tintalab l-għajnuna tal-Koordinatur fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura biex dan il-*bus shelter* jitwaħħal mingħajr dewmien.

89.4.2 Is-Sur Agius tkellem rigward ir-*road humps* ta' Triq San Leonardu u qal li dawn ir-*road humps* għandhom isiru f'qasir żmien.

89.4.3 Il-Kumitat tkellem dwar il-possibilità li jitqassam *leaflet* f'kull dar b'informazzjoni dwar ix-xogħol li sar fil-Hamlet ta' St Peter. Is-Sur Clews saħaq dwar l-importanza li jkun hemm *marketing* tajjeb tal-proġetti li jkun qiegħdin isiru.

**89.5 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2017**

89.5.1 Fuq proposta tas-Sur Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament li l-abbozz tal-Estimi Annwali 2017 peress illi sad-data tal-laqgħa l-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv għas-sena finanzjarja 2017 kienet għada m'hix magħrufa.

**89.6 Mozzjonijiet**

89.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

89.7 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

89.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2017.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fid-90 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 23 ta' Frar, 2017.

**IFFIRMATA**

Luciano Farrugia
Viċi-*Chairperson*